MALTA

# TRIBUNAL GHAL TALBIET ZGHAR

**GUDIKATUR DR.
VINCENT GALEA**

Seduta ta' l-20 ta' Gunju, 2012

Talba Numru. 1106/2010

**Mobisle Communications Limited**

**Vs**

**Monica MIFSUD**

**It-Tribunal,**

Ra **t-talba tas-socjeta attrici mressqa fis-7 ta’ Lulju, 2010** u li permezz taghha hija talbet lill-konvenut thallasha s-somma ta’ elf u tlett mitt euro u zewg centezmi ta’ euro [€1,300.22] u dan wara li ppremettiet hekk:

“Jintalab illi l-konvenut jigi kkundannat ihallas l-ammont ta’ €1,300.22 liema somma tirraprezenta bilanc ta’ prezz dovut mill-istess konvenut lil Mobisle Communications Limited in rigward ghal servizzi lilu rezi mis-socjeta attrici skond diversi kontijiet mibghuta lilu fuq kuntratt bin-numru 1012732 u dana fix-xhur ta’ bejn is-sena 2007 u s-sena 2009.

Bl-ispejjez, inkluzi dawk ta' l-ittra ufficjali tat-2 ta' Dicembru 2009, dawk tal-mandat ta' sekwestru ipprezentat kontestwalment ma dana l-att, u bl-imghaxijiet sad-data tal-pagament effettiv kontra l-konvenut illi huwa minn issa ngunt ghas-subizzjoni".

Ra **r-risposta tal-konvenuta** minnha mressqa fis-6 ta' Ottubru, 2010 u li permezz taghha hija ecceppiet hekk:

"Dan l-ammont mhux dovut stante li dawn kienu telefonati lokali li bdew jinqabdu minn providers barranin ghaliex ir-repeater ta' din l-area – ossia dawn fuq il-Jerma Palace kienu gew sgassati u call kienu qed jispiccaw maqbudha minn providers barranin".

Ra ukoll li fis-seduta tal-10 ta' Marzu, 2011 xehed il-Prokuratur Legali Peter Sammut illi kkonferma li l-ammont mitlub fl-avviz ghadu dovut. L-istess haga reggha ghamel fis-seduta tat-23 ta' Gunju, 2011.

Ra l-kapitolu li gie mressaq mis-socjeta attrici fis-seduta tal-15 ta' Gunju, 2012 u li permezz tieghu s-socjeta attrici riedet tipprova bil-gurament taghha li hija debitrici taghha fis-somma u ghar-ragunijiet indikati fl-avviz.

Ra l-verbal tat-2 ta' Mejju, 2012 fejn Dott. Keith Grech ghas-socjeta attrici nforma lit-Tribunal li l-konvenuta kienet qeghda thallas u ghalhekk talab aktar zmien sabiex il-kawza tkun tista tigi ceduta.

Ra l-verbal tal-lum stess u li permezz tieghu Dott. Grech, b'referenza ghall-verbal tat-2 ta' Mejju, 2012 irrileva li l-konvenuta fuq il-kuntratt mertu ta' dan l-avviz ma ghamlet l-ebda hlas u li huwa kien qieghed jirreferi ghal hlasijiet ohra li ghamlet l-istess konvenuta fuq kuntratti ohra f'isimha.

Ra li l-konvenuta qatt ma dehret quddiemu biex tixhed u tressaq il-provi taghha in sostenn ta' l-eccezzjoni minnha mressqa u lanqas ma dehret illum sabiex tirrispondi ghal

kapitolu mressaq mis-socjeta attrici kontriha u ghalhekk ghandu jittiehed bhala mistqarr.

Ikkunsidra;

Ghar-rigward tal-kapitolu, inghad li "*meta s-subent ma jkunx wiegeb ghalihom u ma jkunx iggustifika l-kontumacja, ghandhom jitqiesu bhala konfessjoni, imma dan ma jfissirx li l-Qorti hija obbligata toqghod dejjem fuq dik il-prezunta konfessjoni*[1]" u "*is-subizzjoni, osservat il-Qorti, hija semplici mezz ta' prova, u ghandha tigi ezaminata u valjata flimkien mal-provi l-ohra kollha tal-kawza, b'mod li jekk il-kapitoli ma jkunux konfacenti mal-provi l-ohra tal-kawza, u l-Qorti jidhrilha li ghandha taghti prevalenza lil dawk il-provi l-ohra, il-konfessjoni prezunta derivanti mis-subizzjoni ghandha ccedi quddiem dawk il-provi l-ohra*[2]".

Issa fil-kaz odjern, it-Tribunal huwa sodisfatt li mill-provi prodotti, ghandu jirrizulta bic-car li l-konvenuta ghandha taghti lis-socjeta attrici s-somma reklamata ta' €1300.22 u dan ghal uzu ta' servizzi provduti minnha fuq il-kuntratt bin-numru 1012732 u dan bejn is-snin 2007 u 2009. It-Tribunal qieghed jiehu in konsiderazzjoni ukoll il-kapitolu pprezentat mis-socjeta attrici fis-seduta tal-15 ta' Gunju, 2012 u l-fatt li l-konvenuta naqset li tidher illum sabiex tirrispondih, u ghalhekk ghandu jittiehed bhala mistqarr.

Kif diga nghad, il-konvenuta qatt ma dehret quddiem it-Tribunal u qatt ma resqet provi sabiex issotni l-eccezzjoni taghha u ghalhekk f'dawn ic-cirkostanzi, t-Tribunal ma ghandux triq ohra ghajr li jichad l-istess eccezzjoni.

Ghaldaqstant, filwaqt li t-Tribunal jichad l-eccezzjoni tal-konvenuta qieghed jilqa' t-talba tas-socjeta attrici u konsegwentement jikkundanna lill-konvenuta thallas lis-socjeta attrici s-somma ta' ta' elf u tlett mitt euro u zewg

---

[1] **Trapani vs Cilia** deciza mill-Onorabbli Qorti ta' l-Appell fit-28 ta' April, 2000 ccitata fil-kawza fl-ismijiet **Bank of Valletta p.l.c. vs Joseph Balzan et** deciza mill-Onorabbli Prim' Awla tal-Qorti Civili fis-26 ta' Gunju, 2003 per Onor. Imhallef Dr. Tonio Mallia;

[2] Ibid.

centezmi ta' euro [€1,300.22], bl-imghax mid-data tal-prezentata tat-Talba odjerna.

L-ispejjez huma ghak-karigu tal-konvenuta fl-intier taghhom.

**< Sentenza Finali >**

--------------------------------TMIEM--------------------------------